MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 1204/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**
**KONTRA**

**SALVATORE GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Salvatore Gatt, bin John u Anna nee' Agius, mwieled Tarxien nhar l- 14 ta' Novembru 1951, residenti 20, Triq l-Isqajjaq, Tarxien u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 872651(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u cioe talli matul ix- xahar ta’ Gunju 2008 u matul ix- xhur ta’ qabel din id- data u cioe sa nhar l- 24 ta’ Novembru 2007, f’ Hal Tarxien volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal €2216 liema hsara saret ghad- detriment ta’ Anna Calleja u Maria Zammit;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-povi prodotti, anke mix-xiehda tal-imputat stess, irrisulta li hu ghamel hsara fil-proprjeta’ tal-parte civile Anna Calleja u Maria Zammit, billi gibed u qala’ sensiela ta’ “wires” u “cables” proprjeta’ taghhom minn fuq il-bejt, ghax skond hu haseb li seta’ jaghmel hekk. Dan irrisulta kemm mill-istqarrija tieghu esebita f’ dawn l-atti, kif ukoll mid-deposizzjoni tieghu. Min-naha taghha, il-Prosekuzzjoni pproduciet lill-parte civile li kkonfermaw li kienu sofrew danni konsiderevoli meta tqacctulhom diversi “wires” li kienu mqabbda ma’ apparat elettriku u elettroniku fid-dar taghhom. Id-danni sofferti mill-parte civile, ghalkemm l-imputat ikkontesta l-ammont, ma gewx b’xi mod kontradetti bi provi ohra jew fl-istadju tal-kontro-ezami tax-xhieda li ppresentawhom. Ghalhekk il-Qorti sejra timxi fuq il-valuri tad-danni kif indikati. Madankollu jidher car ukoll li l-imputat m’hux bniedem vjolenti u arroganti, anzi hu ghamel li ghamel wara li ha parir minghand avukati, u agixxa b’dak il-mod forsi b’ ingenwita’ u b’nuqqas ta’ buon sens. Jibqa’ l-fatt, izda, li l-parte civile

sofriet danni bl-agir tieghu, u ghalhekk ghandu jkun hemm kundanna u moderazzjoni fil-piena fl-istess waqt.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ elfejn, mitejn u sittax- il ewro (€2,216) lil Anna Calleja u Maria Zammit fi zmien sitt (6) xhur, ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 46 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------